MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tas-7 ta' Frar, 2003

Appell Kriminali Numru. 236/2002

**Il-Pulizija**
**(Spettur M. Buttigieg)**
**Vs**

**Francis William Peter George Zarb Adami**

Il-Qorti:

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fis-26 ta' Jannar, 2002 ghall-habta tat-3.15 a.m. fi Triq Notabile, Attard, saq vettura numru IAW 164 :

1) b'manjiera traskurata;
2) u aktar b'nuqqas ta' hsieb bi traskuragni w b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti, nvolontarjament ikkaguna offizi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' David Joseph Meli, skond kif iccertifika Dr. Stephen Muscat M.D. ta' S.L.H.;
3) fl-istess incident involontarjament ikkaguna offizi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Richard Paul Bernard skond kif iccertifika Dr. Nick Refalo M.D. ta' S.L.H.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tad-9 t'Ottubru, 2002, li biha wara li rat l-artikoli 15(1)(a)(2) u 18(2) tal-Kapitolu 65 u l-artikolu 226 tal-Kapitolu 9, illiberatu minn kull akkuza.

Rat ir-rikors tal-appellant l-Avukat Generali minnu pprezentat fit-18 t'Ottubru, 2002, li bih talab lil din il-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza appellata, u minflok wara li jinstemghu l-provi, issib u tiddikjara htija tal-istess appellat f'dawn l-akkuzi, w tinfliggi l-piena skond il-ligi, nkluza l-iskwalifika temporanja tal-licenzja tas-sewqan.

Rat illi fil-qosor l-aggravji tal-appellant Avukat Generali jikkonsistu fis-segwenti :- li l-Ewwel Qorti ghamlet apprezzament u motivazzjoni kompletament irragonevoli u sahansitra kontradittorja kif ukoll enuncjazzjoni zbaljata tal-ligi kwantu jirrigwarda t-tifsira ta' sewqan traskurat b' mod li l-Ewwel Qorti ma setghetx legalment u ragonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha w dana ghaliex l-Ewwel Qorti erronjament ikkonkludiet li l-unika traskuragni li seta kien hemm kienet dik tal-velocita' . Illi tali traskuragni taqa' certament u legalment fil-kwadru w parametri legali tat-tifsira ta' sewqan traskurat . Velocita' eccessiva ma tigix imkejjla biss bin-numru w kwantita' matematika , imma anki tenut kont tal-konfigurazzjoni tat-triq partikolari kif ukoll ghac-cirkostanzi partikolari attinenti ghaliha . Illi jekk kien hemm direzzjonijiet stradali godda w jekk kif irriteniet l-Ewwel Qorti dawn kienu ta' tfixkil ghas-sewqan tal-appellat, kien legalment jinkombi aktar fuq l-istess appellat li jzomm "a proper look-out" fi grad oghola minn sitwazzjonijiet u cirkostanzi normali w kieku ghamel hekk, l-appellat certament kien ikun f'-pozizzjoni tajba li jevita dan l-incident li ghalih ghandu jirrispondi kriminalment.

Ezaminat l-atti kollha processwali;

Rat il-verbal redatt fis-seduta tas-16 ta' Jannar, 2003 li bih Dr. Ludvic Caruana ghall-appellat iddikjara li bla pregudizzju ghall-mertu l-appellat jaccetta li n-natura tal-

feriti hija dik li tidher fic-citazzjoni fil-kaz taz-zewg persuni koncernati;

Semghet ix-xiehda mill-gdid inkluza dik ta' Dr. Stephen Muscat li kkonferma li l-ferita li garrab David Meli kienet wahda ta' natura gravi inhabba sfregju konsistenti minn cikkatrici f'wiccu ; u rat ukoll fir-rigward ic-certifikat rilaxxjat mill-kirurgu Mr. Charles Grixti u esebit fil-prim' istanza li jghid li David Meli qed isofri minn inkapacita' permanenti ta' hmistax il-mija (15%) .

Rat li l-appellat ghazel li ma jixhidx kif kellu kull dritt li jaghzel .

Semghet t-trattazzjoni tal-abbli prosekutur u tal-abbli difensur fil-kors tas-seduta tas-16 ta' Jannar, 2003;

Ikkunsidrat .

Illi dan l-incident sfortunat kemm ghall-appellat u ghall-passiggieri tieghu gara fis-26 ta' Jannar, 2002 ghall-habta tat-3.15 am go Notabile Road , Attard , vicin id-dahla ta' Mount Carmel Hospital , fejn kienu tlestew recentement xi xogholijiet li bidlu l-konfigurazzjoni tat-triq billi gew imdejjqa xi partijiet minnha u saret xi speci ta' roundabout . L-appellat kien isuq fid-direzzjoni tal-Mdina fejn jirrisjedi u fejn kien sejjer iwassal wiehed mill-passiggieri tieghu , Mathew Tabone . F'hin minnhom l-appellat tilef il-kontroll tal-vettura li habtet mall-bankina w besqet tnejn mit-tlitt passiggieri li kellu w cioe' David Meli w Richard Paul Bernard mit-tieqa "rear windscreen" ta' wara . Ix-xhud David Meli xehed li kienu "ghaddejjin jigru" . Ix-xhud Richard Paul Bernard meta gie mistoqsi kif kien l-speed qal : "Kien daqxejn gholi ." Mathew Tabone ghall-istess mistoqsija wiegeb : "Ma konniex sejrin bil-mod." Meta P. S. 1393 Azzopardi kellem lill-appellat bit-telefon , dan qallu li kien isuq bi speed moderat minn-naha ta' H' Attard , infixel bis-sistema l-gdida li kienet ghadha kif saret , ic-central strip , u l-vettura garrbet il-hsarat li garrbet. Mistoqsi mill-Qorti jekk fuq il-post kienx iltaqa' ma xi haga bhal zjut, xi zrar , xi nida jew tixrib tax-xita li setghu jiggustifikaw l-incident , is-Surgent wiegeb ukoll li fit-triq

ma kien hemm ebda ostakolu li seta' wassal ghall-incident . L-appellat is-sistema l-gdida biss kien semmielu .

Id-Difiza qed issostni li l-htija tal-appellat trid tirrizulta pruvata "beyond reasonable doubt" u li mill-provi dan ma kienx jirrizulta.

Ikkonsidrat ;

Issa huwa risaput li l-provi jistghu ikunu kemm diretti bhal nghidu ahna x-xiehda ta' nies li assistew ghall-incident jew indiretti u cioe' dak li jissejhu provi indizjarji jew "circumstantial evidence" . Issa apparti li mill-provi diretti tat-tlitt passiggieri li kienu fl-istess karozza tal-appellat li kollha - ghalkemm b'certu sens ta' dak li "in subiecta materia" jissejjah l'esprit du voiture" jipprovaw ma jkabbruhiex wisq - jaqblu li ma kienux ghaddejjin bil-mod fil-hin tal-incident , hemm certi "presumptions of fact" li johorgu mill-assjem tar-rizultanzi tal-incident , li fil-gurisprudenza antika kienu jissejhu "res ipsa loquitur" u li illum ikun aktar korrett li jissejhu "circumstantial evidence" li jistghu jimmilitaw biex min irid jiggudika , jasal ghal certi konkluzzjonijiet dwar ir-responsabbilta' o meno tal-appellat ghall-incident in ezami .

Illi fl-Appell Kriminali : "Il-Pulizija vs. James Abela" [11.7.2002] din il-Qorti ghaddiet in rassenja l-izvilupp fil-gurisprudenza nostrana in kwantu il-provi indiretti li jistghu jkunu disponibbli f'incident stradali biex jghinu lill-gudikant jasal ghall-apprezzament tal-fatti b'mod xjentifiku w mhux jiehu "the line of least resistance" u ghax ma jkunx hemm provi okulari jew dawn jghidu dak li jfettlilhom , allura tieqaf hemm fir-ricerka taghha ghall-verita' .

Din il-Qorti kienet l-ewwel irreferiet ghal diversi citazzjonijiet minn sentenzi antiki li kienu jaddottaw it-terminu jew il-frazi "res ipsa loquitur " u cioe is-segwenti :-

Hekk fl-APPELL KRIMINALI - "Il-PULIZIJA VS. CASSAR DESAIN" (13.1.1962) din il-Qorti kienet irriteniet li :-

"Jistghu jigu assodati serje ta' fatti li jikkostitwixxu dak li "in subiecta materia" jissejjah :

"RES IPSA LOQUITUR" - "In such circumstances , the facts speak for themselves, if

no explanation is given by the defendant. (DAVIES , "Law of Road Traffic" )

u fl-APPELL KRIMINALI - "IL-PULIZIJA VS. TEMI ZAMMIT (13.1.62) kien gie ritenut li :-

"li dawk il-fatti li jikkostitwixxu "res ipsa loquitur" icedu quddiemhom ix-xiehdiet

okulari bhala fehmiet soggettivi ta' nies li kienu dizattenti jew li ghamlu apprezz-

ament zbaljat ."

u fl-APPELL KRIMINALI - "IL-PULIZIJA VS. GAETANO FELICE " (Kollez . Vol. XL , iv p.1187) intqal:-

"il-hsara li jsofru vetturi f'habta huwa kaz ta' "res ipsa loquitur" f'materja ta' speed."

u fl-APPELL KRIMINALI - "IL-PULIZIJA VS. NAZZARENO FARRUGIA" (Kollez. Vol. XXXIII ; p.968) gie ritenut li :-

"Accident jista' minnu nnifsu jidher li x'aktarx gara minhabba htija ta' xi persuna milli ghal

kawzi ohra. Hawnhekk , fuq il-bazi tal-principju tar-"res ipsa loquitur" jaqa' fuq il-persuna

l-piz tal-prova biex juri li f' dak li gara ma kellux htija ."

Illi pero' din id-dottrina giet ezaminata "funditus" mill-Qorti tal-Appell tal-Maesta' Taghha r-Regina fil-kawza : "Edgar Zahra vs. Carmelo Vassallo" deciza fil-5 t'April, 1971 . F'dik is-sentenza il-Qorti qalet hekk :-
"M'hemmx kwistjoni li din id-dottrina giet importata fil-gurisprudenza taghna mill-gurisprudenza Ingliza , li ghaliha f' materja ta' principji jew regoli ohra , il-Qrati Taghna frekwentement jirrikorru utilment . Rigward din il-massima tar-"res ipsa loquitur" jidher....minn diversi sentenzi ohra (e.g.Vol. XXXIII, iv. 934 , 968 , Vol. XXXVI . iv.764 ) li giet bosta drabi invokata u applikata anki fi proceduri kriminali mentri invece , fil-gurisprudenza Ingliza

(minn fejn , kif intqal , hadniha ) il-massima ma tidhirx applikata hlief fil-kawzi civili dwar danni bazata fuq “negligence” . Ghad illi f’materja ta’ provi f’kawzi kriminali , hemm xi haga li tista’ tixbaha , f’dawk li jissejhu prezunzjonijiet ta’ fatt (e.g. dak tal-pussess recenti ta’ hwejjeg misruqa ) il-massima “res ipsa loquitur”, bhala tali , il-Qorti ma sabitha mkien applikata f’kawzi kriminali , u r-raguni ta‘ dan naturalment hija illi l-principju li jiddomina fi proceduri kriminali huwa illi bhala regola generali fondamentali , il-piz tal-prova bla dubju ragonevoli hu mixhut fuq il-prosekuzzjoni u , salvi dispozizzjonijiet espressi ta‘ ligi , jew regoli gurisprudenzjali eccezzjonalissimi li jiddisponu xort’ohra , ebda oneru ta’ prova jew htiega ta’ spjegazzjoni mhuma mixhutin fuq l-akkuzat jew imputat . Il-Qorti jidhrilha illi , apparti li f’kawzi kriminali il-massima m’ghandhiex ghall li gej tigi invokata jew applikata , anki f’kawzi civili citazzjonijiet u applikazzjonijiet taghha gja maghmula f’kawzi kriminali ghandhom jitharsu b’ghajn kritika....”

Illi aktar recentement din il-Qorti diversament preseduta addottat dan l-insenjament u qalet :-

“in kwantu d-dottrina tar-”res ipsa loquitur” timporta xi spostament tal-oneru tal-prova ,
tali dottrina ma tista’ qatt issib post fil-kamp penali . In kwantu , pero’, b’ “res ipsa loquitur”
wiehed jifhem biss li l-fatti - inkluzi provi indizjarji - “circumstantial evidence” - ikunu tali
li l-gudikant ihossu moralment konvint li jista’ jigbed certi konkluzzjonijiet minn dawk
il-fatti , allura wiehed m’ghandux jitkellem dwar “res ipsa loquitur” izda dwar dak li fid-
dottrina Ingliza jissejhu “presumptions of fact” . “These are all inferences which may be
drawn by the tribunal of fact . It is not obliged to draw them as a matter of law even if there is no further evidence ..(CROSS. R. “On Evidence (Butterworths, London , 1979) p.124) (App.Krim. Pol. vs. Claudia Camilleri , per V. De Gaetano J. - 15.11.96)

Illi din il-Qorti hija tal-fehma li f'materja ta' incidenti stradali ,l-provi indizjarji hafna drabi jista' jkunu siewja ferm u xi drabi jistghu anki ikunu siewja ferm aktar minn dawk okulari li, kulltant jistghu ikunu biss soggettivi u kulltant , u x'aktarx iva milli le , ikunu kuluriti b' dak li jissejjah "esprit de voiture". Umbaghad fejn ma jkunx hemm xhieda okulari li jistghu jiddeskrivu jew jispjegaw dak li gara, dawn il-provi indizjarji , jistghu facilment u minghajr bzonn ta' hafna tigbid, jaghtu stampa cara tad-dinamika tal-incident . S'intendi bhal kull prova indiretta ohra iridu jkunu tali li jwasslu ghal konkluzzjoni univoka u li biha il-gudikant ikun moralment konvint lill hinn minn kull dubju dettat mir-raguni mill-htija jew responsabbilta' kriminali tal-imputat jew akkuzat.

Issa fil-kaz in ezami rrizulta li ma kien hemm xejn fit-triq bhal zrar, zejt, nida jew ilma li seta' wassal lill-appellat biex jitlef il-kontroll tal-vettura tieghu w l-unika haga li l-appellat adduca bhala spjegazzjoni ghal dak li gara mas-Surgent kien li hu tfixkel minnhabba s-sistema tat-triq . Issa jigi notat li dik it-triq ma kienetx xi wahda gdida ghall-appellat ghax hu jirrisjedi proprju fl-Imdina kif jidher mill-generalita' tieghu fil-komparixxi u din hija t-triq ewlenija li mill-Mdina taghti ghall-Belt , Tas-Sliema u l-parti centrali u tan-naha t'isfel ta' Malta .Ghalhekk wiehed ghandu legittimament jifhem li din it-triq hu kien familjari sew maghha u x'aktarx li kien jghaddi minnha aktar minn darba kulljum . Ghalhekk il-konfigurazzjoni tat-triq ma kellhiex tkun ta' xi sorpriza ghalih . Umbaghad f'kull kaz wiehed ghandu d-dover li jsuq b' velocita' li tkun tippermettilu li jieqaf entro l-vizwali li jkollu , biex jekk jiltaqa' ma xi ostakolu fit-triq , ikun jista' jieqaf tempestivament .

Issa l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament ta' fatt u ta' ligi ftit kompatibbli ma xulxin . Dan ghaliex filwaqt li accettat li l-unika traskuragni li seta' kien hemm kienet dik ta' velocita' , waslet biex illiberat lill-appellat minn akkuza ta' sewqan traskurat u dik tal-feriti involontarji fuq il-persuni tal-passiggieri tieghu . Ir-raguni li gabet ghall-din il-konkluzzjoni jidher li kienet li l-Prosekuzzjoni ma gabitx charge ta' "overspeeding" kontra l-appellat u allura skond

l-Ewwel Qorti "dan ifisser illi anke il-Prosekuzzjoni m' hihiex konvinta minn tali charge."

Illi bir-rispett din il-Qorti ma tara ebda fondatezza legali jew logika fil-konsiderazzjoni li ghax ma nharigx charge fuq "overspeeding" mill-Prosekuzzjoni , allura ma' ghandhomx jirrizultaw l-imputazzjonijiet ta' sewqan b'manjiera traskurata w talli b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni w b'nuqqas ta' tharis tar-Rergolamenti, nvolontarjament ikkaguna feriti gravi w ljevi fuq David Meli w Richard Bernard rispettivament .

Issa fl-APPELL KRIMINALI : "PULIZIJA VS. R. BUGEJA" (30.6.1962) intqal li :-

"Speed jista' jkun eccessiv anki jekk ma jiskorrix il-limiti regolamentari izda jiskorri dawk dettati mill-prudenza u mill-fatturi ambjentali tal-mument"

Fil-kaz in ezami , irrizulta li l-appellat ma kienx isuq b'velocita' baxxa anzi kif xehed David Joseph Meli kienu ghaddejin jigru u kif xehed Bernard kienu ghaddejjin "daqxejn gholi" u dana f'kurva fit-triq . Issa kull min ghandu l-icken esperjenza tas-sewqan jaf li bejn karozza u ohra tghaddi differenza kbira kemm tista' tinnegozja liwjiet jew kurvi bi speed . U fil-waqt li certi karozzi jifilhu certu speed fid-dawran , ohrajn jizbandaw u jitilfu l-kontroll ghal kull haga ta' xejn , jew ghax ikunu hfief minn wara , jew ghax gholjin izzejjed jew ghal ragunijiet teknici ohrajn . Driver hu tenut li jsuq "within the limits" li tiflah il-car tieghu , zghar u limitati kemm ikunu u jekk il-car tieghu ma ghandhiex "road holding qualities" tajbin f'liwjiet u kurvi , jrid isuq bi speed li ma jipprovokax it-telfien tal-kontroll tal-vettura. Jekk ma jaghmilx dan , oltre l-imprudenza jkun qed juri wkoll imperizja, u :-

"l-imperizja fis-sewqan , bhas-sewqan hazin , hija htija." (Appell Krim. Pul. vs. J. Cost Chritien (Vol. XXXVII , iv. p.873) .

Illi l-akkuza kontra l-appellat tikkonsisti filli waqt is-sewqan tieghu saq b'manjiera traskurata u talli b'nuqqas ta' hsieb ,

bi traskuragni w b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti ikkaguna l-incident u l-feriti fuq il-passiggieri tieghu , u ghalhekk anki kieku ma kellux jirrizulta speed eccessiv per se ghax eccedenti dak regolamentari, jekk l-speed li bih l-appellant wasal biex tilef il-kontroll tal-vettura tieghu kien , kif din il-Qorti ghandha l-konvinciment morali li kien , kawza determinanti tal-incident , dan ikun jinkwadra ruhu fl-element tan-negligenza inkorporat fl-akkuza ta' sewqan b'manjiera traskurata w n-nuqqas ta' hsieb, u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti li bihom qed jigi akkuzat .

Dan ghaliex kif gie ritenut fl-Appell Kriminali : "Il-Pulizija vs. Antonio Spiteri" [vol. XLIV, iv, p. 892] :-

"Sewqan negligenti jfisser nuqqas ta' prudenza ordinarja li wiehed ghandu jadopera biex jevita s-sinistri stradali ."

u fl-Appell Kriminali "Il-Pulizija vs. Nazzareno Micallef [3.12.1960] gie ritenut li :-

"Sabiex ikun hemm responsabbilta' ghall-kollizzjoni , jinhtieg li jkun hemm "nexus", fis-sens li l-vjolazzjoni tkun kawza prossima tal-kollizzjoni."

Illi ghalhekk anki jekk jirrizultaw in-nuqqas ta' hsieb , traskuragni , jew nuqqas ta' hila fis-sewqan , manifestati kif inhuma f'dan il-kaz minn speed eccedenti dak konsiljat mill-fatturi ambjentali tal-lokalita' w tal-mument , l-akkuzi kontra l-appellant jissussistu xorta wahda anki jekk il-prosekuzzjoni ma ressqitx akkuza ta' velocita' eccessiva kontra l-appellat , ghax xorta ikun jirrizulta in-ness bejn dan in-nuqqas u l-incident .

Illi lanqas ma rrizulta f'dan il-kaz l-intervent ta' terzi - bhal xi emergenza krejata minn xi driver jew utent tat-triq l-iehor li setghu wasslu biex l-appellat tilef il-kontroll tal-car tieghu ghal xi raguni li ma kienetx taht il-kontroll tieghu .

Illi ta' spiss tissemma il-frazi popolari li min isuq vettura ghandu arma f'idejh u bhal fil-kaz ta' persuna li tinstab b'arma f'idejha bid-dahna ghadha hierga mill-kanna

magemb persuna minxura mejta fl-art , anki fl-assenza ta' xiehda okulari li raw l-isparatura, wiehed jista' fuq il-bazi tac-"circumstantial evidence" jasal ghall-konkluzzjoni li il-persuna bl-arma tkun qatlet lill-vittma mixura fl-art, hekk ukoll ic-"circumstantial evidence" f'dan il-kaz tista' twassal , kif kellha twassat lill-ewwel Qorti, biex wiehed ikun konvint li l-incident kien dovut ghal sewqan hazin da parti tad-driver l-appellat . Dan mhux fuq il-bazi tad-duttrina tar-"res ipsa loquitur" imma fuq il-bazi ta' provi skjaccanti ta' sewqan hazin u telfien ta' kontroll inspjegat tal-vettura da parti tad-driver li suppost ghandu kontroll taghha il-hin kollu kif jippreskrivi ir-Regolament 68 tal-M.V.R

Ghalkemm l-akkuzat mhu tenut li jipprova xejn u jista' joqghod sieket di fronti ghall-akkuza w l-provi li tressaq il-prosekuzzjoni , u ,jekk l-akkuzat igib xi provi, bizzejjed li dawn ikunu jwasslu sal-grad tal-probabbilita' , una volta li jittanta jaghti xi spjegazzjoni , kif ghamel l-appellat mas-Surgent Azzopardi jrid l-ewwel nett ikun kredibbli , konsistenti w konvincenti sal-grad tal-probabilta' f'dak li jghid w umbaghad fit-tieni lok tali spjegazzjoni trid tkun wahda li tiskagjonah . Invece l-ispjegazzjoni li hu tfixkel minhabba s-sistema tat-triq b'ebda mod ma tista' tiskagjonah ghar-ragunijiet fuq spjegati .

Ghalhekk bir-rispett ghall-Ewwel Qorti din il-Qorti thoss li, kif qed jissottometti l-appellant , fis-sentenza appellata , sar mhux biss apprezzament tal-fatti zbaljat imma dan ittraduca ruhu wkoll f'motivazzjoni legali skorretta li wasslet lill-Ewwel Qorti biex tillibera lill-appellat. Mentri la lill-ewwel Qorti bhala fatt irrizultalha li kien hemm nuqqas konsistenti f' velocita' u li bejn dan in-nuqqas u l-incident kien hemm in-ness ta' kawza w effett , kien imissha sabet htija taht it-tlitt imputazzjonijiet - indipendentement mill-fatt li ma kienx hemm akkuza ta' velocita' eccessiva - w mhux illiberat.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi milqugh u s-sentenza appellata qed tigi revokata w minnflok din il-Qorti ssib lill-appelat hati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu , b'dana li l-ewwel imputazzjoni ta'sewqan

b'manjiera traskurata hija assorbita fit-tieni imputazzjoni ta' feriti ta' natura gravi fuq David Meli w fit-tielet imputazzjoni ta' feriti ta' natura hafifa fuq Richard Paul Bernard, w , wara li rat l-artikoli 15 (1) (a) (3) tal-Kap.65 , l-artikolu 226 (1) (a) u (c) u 17 (h) tal-Kap.9 , tikkundanna lill-appellat ghall-hlas ta' multa ta' mitt lira Maltin (Lm100) u tordna s-sospensjoni tal-licenzji tieghu kollha tas-sewqan ghal zmien tmint (8) ijiem li jibdew jghaddu minn-nofs il-lejl tal-lum 7 ta' Frar, 2003.

--------------------------------TMIEM--------------------------------